

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 816/2010

tas-16 ta' Settembru 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1580/2007, fir-rigward tal-limiti li fihom jiġu attivati d-dazji addizzjonali għat-tadam

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli f'dan il-qasam (ir-Regolament waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 143(b) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u l-ħaxix <sup>(2)</sup> jstabbilixxi sorveljanza tal-importazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness XVII għalih. Din is-sorveljanza għandha titwettaq skont ir-regoli dettaljati stabbiliti fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jfissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju <sup>(3)</sup>.

- (2) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura <sup>(4)</sup> konkluż matul in-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, u abbażi tal-aħħar informazzjoni disponibbli għall-2007, l-2008 u l-2009, jeħtieġ li jiġu adattati l-limiti li fihom jiġu attivati d-dazji addizzjonali fuq it-tadam.

- (3) B'riżultat ta' dan, ir-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandu jiġi emendat.

- (4) Il-miżuri stabbiliti b'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

L-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandu jinbidel bit-test muri fl-Anness għal dan ir-Regolament.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Ottubru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

## ANNEX

## "ANNEX XVII

## DAZJI ADDIZZJONALI TAL-IMPORTAZZJONI: TITOLU IV, KAPITOLU II, TAQSIMA 2

Bla ħsara għar-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva biss. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, l-ambitu tal-applikazzjoni tad-dazji addizzjonali huwa determinat minn dak tal-kodiċijiet tan-NM kif kienu fi żmien l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

| Numru tas-serje | Kodiċi tan-NM  | Deskrizzjoni tal-prodotti   | Perjodu tal-applikazzjoni                | Limiti tal-attivazzjoni (tunnellati) |
|-----------------|--|---|--|--------------------------------------|
| 78.0015         | 0702 00 00   | Tadam   | Mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju      | 1 215 717                            |
| 78.0020         |  |   | Mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru    | 966 474                              |
| 78.0065         | 0707 00 05   | Ħjar  | Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru      | 11 879                               |
| 78.0075         |  |   | Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April     | 18 611                               |
| 78.0085         | 0709 90 80   | Qaqoċċ  | Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju     | 8 866                                |
| 78.0100         | 0709 90 70   | Zukkini   | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru    | 55 369                               |
| 78.0110         | 0805 10 20   | Larinġ  | Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju     | 355 386                              |
| 78.0120         | 0805 20 10   | Klementini  | Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar   | 529 006                              |
| 78.0130         | 0805 20 30<br>0805 20 50<br>0805 20 70<br>0805 20 90 | Mandolin (inklużi l-varjetajiet tat-tangerines u s-satsumi); il-wilkins u ibridi simili taċ-ċitru | Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar   | 96 377                               |
| 78.0155         | 0805 50 10   | Lumi  | Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru     | 329 903                              |
| 78.0160         |  |   | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju       | 92 638                               |
| 78.0170         | 0806 10 10   | Għeneb tal-mejda  | Mill-21 ta' Lulju sal-20 ta' Novembru    | 146 510                              |
| 78.0175         | 0808 10 80   | Tuffieħ   | Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu     | 1 262 435                            |
| 78.0180         |  |   | Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru | 95 357                               |
| 78.0220         | 0808 20 50   | Lanġas  | Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April       | 280 764                              |
| 78.0235         |  |   | Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru     | 83 435                               |
| 78.0250         | 0809 10 00   | Berquq  | Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju        | 49 314                               |
| 78.0265         | 0809 20 95   | Ċirasa, għajr għaċ-ċirasa qarsa   | Mill-21 ta' Mejju sal-10 ta' Awwissu     | 90 511                               |
| 78.0270         | 0809 30  | Ħawħ, inkluż in-nuċiprisk   | Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru   | 6 867                                |
| 78.0280         | 0809 40 05   | Għanbaqar   | Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru   | 57 764"                              |